**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru ; 34/ 2022 AGV</u>**

FB

Vs

DA , TC u Dr. Christopher Chircop u PL Daniel Aquilina, bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil minuri MJA b' digriet tat- 28 ta' April 2022; u

Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors Guramentat ta'  FB   datat 7 ta’ Frar 2022,

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li taf personalment:

Illi l-esponenti u l-intimat  DA   izzewgu fil-11 ta' Settembru 2010 fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Gesu', Rabat, Malta (Dokument "A");

Illi waqt dan iz-zwieg twieled il-minuri  M- J  fid-19 ta' Awissu 2020, u l-intimat Daniel Apap gie indikat bhala l-missier fuq l-istess certifikat (Dokument "B");

Illi sallum, il-kontendenti  FB   u  DA   ilhom mifrudin ghal madwar 6 snin u ghalhekk ghal kwazi 5 snin qabel twieled il-minuri  MJ

Illi fil-fatt, il-kontendenti  FB  u  DA  bdew il-proceduri ta' medjazzjoni ghall-firda konsenswali fit-23 ta' Settembru 2016, u sa ftit  taz-zmien ilu kienu waslu vicin hafna biex jikkonkludi s-separazzjoni taghhom bonarjament. Di piu', il-kontendenti gja' konjugi A   ottjenew l-annullament taz-zwieg taghhom mit-Tribunal Ekklezjastiku u fit-18 ta' Awissu 2020, l- attrici ottjeniet ir-registrazzjoni ta' dan l-annullament mill-Qorti tal-Appell (Sede. Superjuri) (Rikors Numru 32/2020) (Dokument "C")

Illi ghalhekk huwa evidenti li l- wild minuri  MJ  m’ huwiex tal-intimat DA .

Illi l- attrici ma ghandhiex dubju li l-intimat l- iehor,  TC   huwa l-missier naturali tal-minuri  MJ . Ghalkemm l-intimat C gie mitlub sabiex jissottometti

ruhu ghat-testijiet genetici opportuni minghajr il-htiega ta' procedura gudizzjarja, huwa rrezista din il-proposta u baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk, prevja l- accertament genetiku li I-intimat T C huwa l-missier naturali tal-minuri MJ , jehtieg li mic-certifikat tat-twelid tal-minuri titnehha kwalunkwe referenza ghall-intimat DA u jiddahhlu, minflok, irreferenzi appoziti ghall-intimat l-iehor TC.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw fil-kors ta’ din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. tiddikjara li l-intimat DA m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri M J ;

ii. tiddikjara li l- intimat TC huwa l-missier naturali tal-minuri MJ

ii. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri MJ A bin-numru progressiv 6957/2020 billi fost ohrajn:

(a) jigu kancellati l- kliem " DA ‘’mill-kolonna intestata "Isem u kunjom" ghar-rigward ta' "Il-Genitur u minflokhom jiddahhlu l-kliem "T C ";

(b) jigu kancellati n-numri u l- kliem "0441690M Maltese ID Card Number" fil-kolonna intestata "Dokument ta' I-Identiya’, ghar-rigward ta' "Il-Genitur (1)" u minflok jiddahhlu n-numri u -kliem "0302979M Maltese ID Card Number";

(c) jigu kancellati n-numri "30" fil-kolonna intestata "Eta’ ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhlu n-numri "41 '.

(d) jigu kancellati l- kliem "Tal-Pieta ' Malta" fil-kolonna intestata "Lok Tat-Twelid' ghar-rigward ta "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhal il-lok tat-twelid tal-intimat TC ;

(e) jigu kancellati l-kliem "Is-Siggiewi Malta" fil-kolonna intestata "Lok ta' Residenza' ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhal il-lok ta' residenza tal-intimat TC ;

(f) jigu kancellati I-kliem ma' genb l-intestatur "Il-genitur (1a)" u "Il-genitur (1b)" u cioe' " VA at birth A (Alive)" u " CA at birth S (Alive) " fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-genituri inkluz il-kunjom fit-twelid u jekk humiex hajjin jew mejtin" ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhlu lkliem "L C at birth C (Alive) " u "P C at birth G (Alive)".

iii. tordna konsegwentement li l- minuri Mihai-Jose' ma jibqax maghruf bil- kunjom " A" u minflok jiehu l- kunjom tal-intimat TC.

**BI-ispejjez kollha kontra I-intimati jew min minnhom, li jibqghu ingunti minn issa**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' TC**

**Jeccepixxi bir-rispett:**

1.Illi l-attrici qed titlob lil Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li zewgha DA mhuwiex il-missier naturali tat-tifel MJ u fit-tieni talba qed titlob lil Onorabbli Qorti tiddikjara illi TC huwa l-missier naturali.

2.Illi huwa jipponi ghat-tieni talba taghha stante li huwa mhux il-missier naturali tat-tifel taghha

3.It-talbiet taghha fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda stante li huma infondati, kif ser jirrizulta mill-provi

4.Illi huwa ghalhekk jopponi ukoll ghat-talba taghha sabiex id-dettalji tieghu jigu inseriti fic-certifikat tat-twelid tat-tifel.

5.Illi huwa jopponi ukoll ghat-tielet talba taghha sabiex kunjom il-minuri jkun kunjomu

**Salv Eccezzjonijiet ulterjuri, permissibbli mil-ligi**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti**

**Rat ir-RISPOSTA GURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU;**

**Jesponi bir-rispett u l- Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur, bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li gej:**

Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxi illi 1-attrici ma ddikjaratx fuq liema artikolu tal-ligi hija qieghda ssejjes il-kawza istanti u ghaldaqstant ghandha tiddikjara dan sabiex b' hekk l- esponenti jkun f' qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi, f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti, bil-permess ta' din 1-Onorabbli Qorti, umilment qieghed jirriserva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, u dan wara li r-rikorrenti tindika fuq liema dispozizzjoni tal-ligi hija qieghda tesperixxi 1-proceduri istanti;

Illi in linea preliminari wkoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent, jidher li hemm nieqsa 1-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex it-terminu stabbilit mil-ligi ta' Sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu 1-persuna ikkoncernata tkun tista' tipprocedi b'kawta ta' denegata’ paternità u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai ghadda. Ghaldaqstant, f’ dan l- istadju ghandu jigi ddikjarat, jekk ir-rikorrenti gietx awtorizzata minn din 1-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi bil-kawza istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f' gieh l- ekonomija tal-gudizzju, ir-rikorrenti ghandha tirregola l-posizzjoni taghha immedjatament;

Illi ghal dak li jikkoncerna 1-mertu tal-kawza, 1-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din 1-Onorabbli Qorti, salv pero' li 1-provi migjubin ikunu 1-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti trid teghleb il-pretunzjoni legali mahluqa tramite’ 1-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u b'mod konvincenti turi li 1-pussess ta' stat tal-minuri MJ A ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

Illi r-rikorrenti ghandha fuqha wkoll 1-oneru li ggib il-prova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u 1-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid ta' binha minuri, hija wettqet adulterju u di piu ' trid tipprova, inter alia, tramite r-rizultat ta' testijiet genetici illi ghandhom jigu mahlufa mill-persuna teknika illi twettaqhom, illi l- intimat DA mhux il-missier naturali tal-imsemmi minuri;

Illi bla pregudizzju ghal dak premess, 1-esponenti huwa tal-umli fehma illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri MJ illi jkun jaf min hu 1-missier naturali tieghu u ghalhekk ikun xieraq illi din 1-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici appoziti;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi 1-minuri MJ ;

Illi subordinatament, u dejjem bla hsara ghas-suespost, f' kaz li din 1-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, huwa importanti li d-data u 1-lok taz-zwieg li huma ndikati fuq 1-att tat-twelid tal-minuri, innumerat 6957/2020, jigu wkoll ikkancellati;

Illi f' kat li jintlaqghu it-talbiet attrici, 1-esponent jistieden lill-intimat TC sabiex jipprezenta nota li tispecifika d-dettalji personali tieghu, senjatament: (l) in-numru tal-karta tal-identità tieghu; (2) ismu u kunjomu; (3) l-età tieghu meta twieled il-minuri; (4) il-post tat-twelid tieghu; (5) il-post ta r- residenza tieghu meta twieled 1-imsemmi minuri; (6) isem u kunjom il-genituri tieghu; u (7) jekk il-genituri tieghu kinux hajjin meta twieled il-minuri, Tali informazzjoni tkun

mehtiega biex eventwalment tkun tista' tigi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri MJ' ;

Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, 1-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, 1-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tieghu u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**B1-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta u Dikjarazzjoni guramentata tal-Avukat Dr Christopher Chircop detentur tal-karta tal-identita' 197289 (M) u Prokuratur Legali Daniel Aquilina detentur tal-karta tal-identita' numru 331480 M , bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw I-interessi tal-minuri MJA**

**Jesponu bir-rispett u jiddikjaraw bil-gurament taghhom:**

1. Illi l-attrici li ghandha l- piz tal-prova u cjoe' li trid tkun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil din Onorabbli Qorti, li l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qed taghmel, fil-konfront tal-intimata assenti huma fondati.

2. Illi l-esponenti f' dal-istadju jiddikjaraw li ma ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz, u ghalhekk qed jiriservaw id-dritt taghhom li jressqu eccezzjoni ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti tal-fatti elenkati mal-kaz.
3. Illi certament li hu fl-ahjar interess tal-minuri li jigi stabbilit min hu l-missier bijologiku tieghu.

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ingunta minn issa in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-rapport tat-test tad-DNA ta' Dr Marisa Cassar, datat 23 ta' Marzu, 2023, u r-rapport ta' Christopher Farrugia datat 4 ta' Dicembru, 2023.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-kawza tittratta talba sabiex tigi determinata l-paternita' ta' tifel ta' tlett snin, MJ A, li twieled fid-19 ta' Awwissu 2020, waqt iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut DA . Mill-provi irrizulta li ferm qabel ma twieled il-minuri, B u A , kienu gia' mifrudin minn xulxin, izda meta twieled it-

tifel, fuq ic-certifikat tat-twelid gie indikat DA bhala l-missier, u t-tifel inghata l-kunjom ta' dak li kien indikat bhala missieru. Bil-kawza odjerna, l-attrici qed titlob li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, billi isem il-missier jigi sostitwit b'dak tal-konvenut l-iehor, T C , peress illi hi tghid li m'ghandha ebda dubju li huwa l-missier biologiku.

F'kazijiet bhal dawn, fejn trid tigi determinata l-paternita' ta' wild, l-ahjar prova hija dik tat-test tad-DNA tal-wild u tal-allegat missier. Dan it-test jistabbilixxi b'certezza xjentifika l-paternita' proprja, u ghalhekk ma jhalli ebda lok ghal interpretazzjoni naha jew ohra. Fil-kaz odjern, ir-risultat tat-test imsemmi iddetermina li huwa proprju l-konvenut C li huwa l-missier biologiku tal-minuri. Dan it-test tad-DNA kien sar fuq zewg partijiet; l-ewwel parti sar minn Dr Marisa Cassar, fejn gie ezaminat id-DNA tal-konvenut DA u fil-fatt kien gie eskluz li A seta kien il-missier tal-minuri. Aktar tard kien tqabbad Christopher Farrugia biex jaghmel l-ezami komparattiv tad-DNA tal-konvenut C , li minnu irrisulta l-paternita' kif gia' indikat.

Illi ghalhekk, it-talbiet tal-attrici ghandhom jintlaqghu. L-unika konsiderazzjoni li jibqa' ghall-Qorti f'dan l-istadju huwa l-kunjom gdid li ghandu jiehu t-tifel. Sfortunatament, hawnhekk m' hawnx qbil bejn il-partijiet koncernati. L-omm trid li t-tifel jiehu kunjom missieru, mentri l-missier jrid li t-tifel jiehu kunjom ommu. Sitwazzjoni pjuttost tragika li taghha t-tifel ma jahti proprju xejn, izda li ma taghti ebda konfort lil din il-Qorti. L-attrici illum ghandha kunjomha B F , u ma riditx li kunjom il-konvenut jizdied ma' taghha, u ghalhekk qed titlob li kunjom it-tifel jaqra C biss. Min-naha tieghu, il-konvenut jghid li kunjom il-minuri ghandu jkun B, li huwa kunjom l-attrici xebba, u dan biex ikun simili ghal kunjom hutu li ser jkun qed jghix maghhom.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti li l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "B C". Ladarba zewg adulti ghazlu liberament li jkollhom wild bejniethom, issa m'ghandhomx jabdikaw mir-responsabbilta' lejn l-istess wild.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. tiddikjara li l-intimat DA m' huwiex il-missier naturali tal-minuri M – J' ;
2. tiddikjara li l- intimat T C huwa l-missier naturali tal-minuri M C';
3. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri MJ A bin-numru progressiv 6957/2020 billi fost ohrajn:

(i) jigu kancellati l- kliem "DA " mill-kolonna intestata "Isem u kunjom" ghar-rigward ta' "Il-Genitur u minflokhom jiddahhlu l-kliem "T C ";

(ii) jigu kancellati n-numri u l- kliem "0441690M Maltese ID Card Number" fil-kolonna intestata "Dokument ta' l-Identita', ghar-rigward ta' "Il-Genitur (1)" u minflok jiddahhlu n-numri u l-kliem "0302979M Maltese ID Card Number";

(iii) jigu kancellati n-numri "30" fil-kolonna intestata "Eta’ ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhlu n-numri "41 '.

(iv) jigu kancellati l- kliem "Tal-Pieta ' Malta" fil-kolonna intestata "Lok Tat-Twelid' ghar-rigward ta "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhal il-lok tat-twelid tal-intimat TC;

(v) jigu kancellati l-kliem "Is-Siggiewi Malta" fil-kolonna intestata "Lok ta' Residenza' ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhal il-lok ta' residenza tal-intimat TC;

(vi) jigu kancellati I-kliem ma' genb l-intestatur "Il-genitur (1a)" u "Il-genitur (1b)" u cioe' " VA at birth A (Alive)" u "CA at birth S (Alive) " fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-genituri inkluz il-kunjom fit-twelid u jekk humiex hajjin jew mejtin" ghar-rigward ta' "Il-Genitur (l)" u minflok jiddahhlu l-kliem " LC at birth C (Alive) " u " PC at birth G (Alive)".

4. tordna konsegwentement li l-minuri M J ma jibqax maghruf bil-kunjom "A " u minflok jiehu l-kunjom “ BC”.

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn l-attrici u l-konvenut C .**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**